MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Rikors Kongunt Numru. 96/2015

AB

u

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew:

1. Illi r-rikorrenti zzewwgu fil-Bazilika ta' Maria Bambina, gewwa l-lokalita` tal-Isla fis-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elf disa` mija tmienja u disghin (1998) (Dok. "A") ;
2. Illi minn dan iz-zwieg hemm tifel bl-isem ta' Alexander Attard li twieled fis-sbatax ta' Gunju tas-sena elfejn erbgha (17/06/2004) u ghalhekk illum-il gurnata ghadu minorenni ;
3. Illi r-rikorrenti sseparaw minn ma xulxin permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Josef Masini Vento, datat disgha ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (09/07/2010), liema kopja awtentikata tal-kuntratt ta' separazzjoni tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "B" ;
4. Illi llum-il gurnata m'hemm ebda prospett li r-rikorrenti jirrikonciljaw ma' xulxin stante li ilhom ghal aktar minn erba` (4) snin separati minn xulxin u jghixu hajja totalment separata minn xulxin u jinsabu f'relazzjonijiet ma persuni ohra ;
5. Illi inoltre, ir-rikorrenti ma ghandhom l-ebda pendenza rigward il-manteniment versu xulxin. Illi in oltre, il-manteniment ghal binhom Alexander dejjem thallas mir-rikorrent Steven Andrew Attard u ma hemm l-ebda pendenzi rigward l-imsemmi manteniment ;
6. Illi r-rikorrenti ma' dan ir-rikors qeghdin jipprezentaw l-affidavit taghhom (Dok "C" u Dok. "D");
7. Illi r-rikorrenti jixtiequ illi jottjenu d-divorzju u jaqblu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul ;
8. Illi dawn il-fatti sopra citati jissodisfaw pienament il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Talbu in vista tal-premess li din il-Qorti joghgobha tawtorizza u tippronunzja d-divorzju bejn Steven Andrew Attard u Tracey Attard u tiddikjara iz-zwieg taghhom mahlul ai termini tal-Artikolu 66A et seq tal-Kodici Civili u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku u dan that kull provvediment iehor li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Marzu, 2015;

Rat l-affidavit bix-xhieda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mid-9 ta’ Lulju 2010 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------